

Brussell, 9 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16694/24

AGRI 875
AGRILEG 455
AGRIFIN 144
AGRISTR 97
AGRIORG 180

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Diċembru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Politika Agrikola Komuni ffukata fuq il-bdiwa għal wara l-2027

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Politika Agrikola Komuni ffukata fuq il-bdiwa għal wara l-2027 approvati mill-Kunsill fl-4066 laqgħa tiegħu li saret fid-9 u l-10 ta' Diċembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar Politika Agrikola Komuni ffukata fuq il-bdiewa għal wara l-2027:

Lejn agrikoltura futura tal-UE kompetittiva, reżistenti għall-kriżijiet, sostenibbli, favur il-bdiewa u bbażata fuq l-għarfien

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-oġġettivi legalment vinkolanti tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) iddefiniti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li skonthom il-PAK ta' wara l-2027 għandha tkabbar il-produzzjoni agrikola, tassigura b'dan il-mod livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, tagħmel is-swieq stabbli, tiggarantixxi d-disponibbiltà tal-provvisti u tassigura prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi.
2. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-oġġettivi orizzontali li jinsabu fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE li huma applikabbli għall-politiki kollha u għalhekk anke għall-PAK, inkluż fl-Artikolu 11 TFUE.
3. FILWAQT LI JQIS li l-proposti relatati mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss ser jinħarġu mill-Kummissjoni s-sena d-dieħla u li huma ta' importanza kbira għall-politiki tal-agrikoltura u tal-iżvilupp rurali. Dawn il-konklużjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-eżitu tan-negozjati relatati magħhom.
4. FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fil-31 ta' Mejju 2022, li ssottolinjaw l-importanza tal-PAK fil-kontribut tal-UE għas-sigurtà tal-ikel, u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fit-22 ta' Marzu 2024, li ssottolinjaw ir-rwol essenżjali tal-PAK fir-rigward ta' settur agrikolu reżiljenti u sostenibbli għas-sigurtà tal-ikel, l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u l-valur ta' komunitajiet rurali haġja. Dawn issottolinjaw ukoll li l-bdiewa jeħtieġu qafas stabbli u prevedibbli, biex fost l-oħrajn ma jitħallewx jindirizzaw l-isfidi ambjentali u klimatiċi waħedhom.

5. FILWAQT LI JFAKKAR li l-adozzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda tal-PAK attwali kkawżat tħassib serju fost is-soċjetà tal-biedja u li l-koleġiżlaturi rreaġixxew billi emendaw ċerti rekwiżiti bażiċi tal-PAK.
6. FILWAQT LI JIRREFERI għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE approvati fl-20 ta' Novembru 2023 taħt il-Presidenza Spanjola.
7. FILWAQT LI JIRREFERI għall-Konklużjonijiet tal-Presidenza appoġġati minn 26 Stat Membru dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE adottati fl-24 ta' Ġunju 2024 taħt il-Presidenza Belġjana.
8. FILWAQT LI JFAKKAR fl-Aġenda Strateġika adottata fis-27 ta' Ġunju 2024 li tistabbilixxi l-prijoritajiet politiċi tal-UE għall-2024-2029, inkluż li l-Unjoni Ewropea ser tippromwovi settur agrikolu kompetittiv, sostenibbli u reżiljenti li jkompli jiżgura s-sigurtà tal-ikel u komunitajiet rurali haġja. Din tenfasizza wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, filwaqt li tkompli tiġi protetta n-natura u titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ilma fl-Unjoni kollha.
9. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss (2024–2029) ippubblikati fit-18 ta' Lulju 2024, li jisħqu fuq l-importanza li tiġi żviluppata sistema agrikola u tal-ikel kompetittiva, sostenibbli u reżiljenti; jissottolinjaw li l-introjt u ġust u suffiċjenti tal-bdiewa huwa vitali; jiddikjaraw li hemm bżonn li jiġu ppremjati l-bdiewa li jaħdmu id f'id man-natura, li jippreservaw il-bijodiversità u l-ekosistemi naturali tagħna u li jgħinu biex l-ekonomija tagħna tiġi dekarbonizzata fi triqitna lejn in-newtralità klimatika sal-2050; jappellaw biex titħares is-sovranià tal-ikel proprja tal-Ewropa u jsemmu l-ħtieġa ta' Strateġija Ewropea għidida għar-Reżiljenza tal-Ilma biex jiġi żgurat li s-sorsi jiġu ġestiti kif xieraq.
10. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-riżultati ta' inizjattivi oħra dwar il-PAK futura, bħall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "Lejn il-Politika Agrikola Komuni (PAK) wara l-2027" u r-rapport mid-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura fl-UE.

PAK futura ffukata fuq il-bdiewa li tippremja l-isforzi tal-bdiewa

11. JENFASIZZA li s-settur agrikolu tal-UE, appoġġat mill-PAK, jipprovdi liċ-ċittadini kollha tal-UE b'ikel u beni pubbliċi bażiċi ta' kwalità u affordabbli bħala pedament tal-ekonomija u s-soċjetà Ewropea, u għandu rwol strateġiku biex jinżammu żoni rurali u attivitajiet agrikoli vijabbli u diversifikati fl-Unjoni kollha, filwaqt li jippreserva s-sigurtà tal-ikel, l-istil ta' ħajja Ewropew, it-tradizzjonijiet kulturali u l-ekosistemi.
12. JISĦAQ fuq l-importanza ta' sħubija mal-bdiewa bbażata fuq il-fiduċja u l-ħtieġa li l-interessi tal-bdiewa jitqiegħdu fil-qalba tal-PAK sabiex jintlaħqu b'suċċess l-oġettivi ta' politika msaħħa. JENFASIZZA li l-PAK għandha tkompli teżisti bħala strument ta' politika komuni ta' importanza strateġika, b'mod partikolari fl-isfond tal-kontribut insostitwibbli tagħha għas-sigurtà tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel fl-Ewropa u fid-dinja. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' koerenza u sinerġiji bejn oqsma ta' politika differenti, u ta' valutazzjoni xierqa tal-impatti fuq l-agrikoltura u ż-żoni rurali.
13. Mingħajr ma tanticiġpa l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, JINNOTA li huma meħtieġa rżorsi u strumenti ddedikati u adegwati għall-PAK sabiex twieġeb b'mod effiċjenti għad-diversi oġettivi tagħha u li distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK, b'mod partikolari l-pagamenti diretti, fost l-Istati Membri hija kwistjoni sensittiva, u għandha tinstab soluzzjoni adegwata.
14. JINNOTA li l-PAK hija adatta għad-distribuzzjoni bbażata fuq il-politika tal-fondi agrikoli, għalhekk IĦEĠĠEĠ li tinżamm PAK separata u indipendenti li jkun fiha żewġ pilastru b'koerenza msaħħa.
15. JITLOB li jkun hemm miżuri tal-ewwel pilastru b'saħħithom, fejn il-pagamenti diretti, l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu u l-interventi settorjali jappoġġaw l-istabbiltà tal-introjtu tal-bdiewa, jinċentivaw il-kontribut tagħhom għat-tranżizzjoni ekoloġika, u fejn il-miżuri tas-suq jaġixxu bħala xibka ta' sikurezza fi żminijiet ta' kriżi.

16. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' tkompli b'miżuri tat-tieni pilastru b'saħħithom ddedikati għall-iżvilupp rurali billi tiġi appoġġata l-vijabbiltà taż-żoni rurali permezz ta' strumenti li jkopru attivitajiet agrikoli u mhux agrikoli u l-użu ta' strumenti finanzjarji, anke bil-ħsieb li jsir kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Tisħiħ tal-kompetittività u titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-ikel

17. JISĦAQ li, minbarra li tinżamm l-orjentazzjoni tal-PAK lejn is-suq, hemm bżonn li l-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel, id-distribuzzjoni tal-valur miżjud u r-remunerazzjoni tal-bdiewa jittejjbu permezz ta' trasparenza msaħħa, kuntrattwalizzazzjoni, organizzazzjoni u kooperazzjoni aħjar fis-settur agrikolu, il-promozzjoni ta' ftehimiet ta' sostenibbiltà, ktajjen tal-valur qosra, u l-ġlieda kontra prattiki kummerċjali inġusti.
18. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-istabbiltà tal-introjtu tal-bdiewa, għalhekk huwa meħtieġ ammont bażiku ta' appoġġ għall-introjtu biex jinżammu attivitajiet agrikoli u produzzjoni tal-ikel ekonomikament vijabbli u kompetittivi fir-reġjuni kollha tal-UE.
19. JENFASIZZA l-importanza tal-azjendi agrikoli tal-familja, inkluż dawk żgħar, bħala assi essenzjali tal-mudell agrikolu Ewropew u JAPPELLA għall-introduzzjoni ta' miżuri ddedikati u sempliċi biex jgħinu lill-attivitajiet agrikoli tagħhom filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet reġjonali u lokali.
20. JIRRIKONOXXI x-xejra negattiva tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-bdiewa u l-importanza ta' tiġdid ġenerazzjonali suffiċjenti u żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa, li huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-produzzjoni agrikola u l-vijabbiltà taż-żoni rurali, għalhekk JAPPELLA biex jissaħħaħ aktar l-appoġġ għall-bdiewa żgħażaġħ; biex jiġu meġġuna jib dew jew ikomplu l-attivitajiet agrikoli; biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għar-riżorsi finanzjarji u l-art agrikola; biex jiġi inċentivat it-trasferiment tal-azjendi agrikoli biex l-agrikoltura ssir aktar attraenti għall-ġenerazzjoni żagħżuġha u l-parteċipanti l-ġodda.
21. JENFASIZZA li huwa meħtieġ appoġġ għall-investimenti biex jiġu promossi l-kompetittività u s-sostenibbiltà tul il-katina tal-ikel u tissaħħaħ l-infrastruttura rurali. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament u li jiġi ffaċilitat aktar l-użu ta' strumenti finanzjarji.

22. JISSOTTOLINJA li l-biedja f'żoni b'restrizzjonijiet naturali teħtieġ aktar sforzi, filwaqt li ż-żamma tal-attività agrikola u tal-preżenza tal-bniedem hija espliċitament meħtieġa għall-bilanċ ekoloġiku, soċjali u ekonomiku ta' dawk iż-żoni. Għalhekk, il-bdiewa jistgħu jiġu kkompensati għall-isforzi tagħhom, l-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf imġarrba f'dawk iż-żoni.
23. JAGĦRAF il-karatteristiċi u l-ħtiġijiet agrikoli speċifiċi tal-gżejjer u l-istati gżejjer, iż-żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni, iż-żoni muntanjużi, ir-reġjuni remoti, ir-reġjuni tat-Tramuntana u, f'konformità mal-Artikolu 349 TFUE, ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, li jeħtieġu trattament speċjali.

Mudell ta' implimentazzjoni favur il-bdiewa

24. JIRRIKONOXXI li l-mudell ta' implimentazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni tal-fondi tal-PAK qed jagħti flessibilità lill-Istati Membri u għalhekk għandu jinżamm, iżda JISSOTTOLINJA li r-regoli u l-proċeduri eżistenti rriżultaw f'piż amministrattiv u rekwiżiti bla bżonn kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-amministrazzjonijiet nazzjonali, għalhekk JAPPELLA għal regoli aktar strateġiċi, sostanzjalment inqas ikkumplikati, koerenti u li jistgħu jiġu implimentati faċilment, u aktar favur il-bdiewa għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, filwaqt li tiġi żgurata l-istabbiltà. JENFASIZZA li huwa meħtieġ aktar titjib tal-arkitettura tal-PAK ibbażata fuq ir-riżultati.
25. IĦEĠĠEĠ is-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċedura ta' approvazzjoni u modifika tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, b'enfasi fuq in-natura strateġika tagħhom b'livell aktar baxx ta' dettalji li b'hekk jippermetti adożżjoni u rispons rapidi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi u ċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu.
26. JINDIKA li l-iżvilupp u l-użu ulterjuri tat-teknoloġiji diġitali għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu l-ammont ta' xogħol amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-amministrazzjonijiet, billi jgħinu dejjem aktar il-monitoraġġ u l-kontrolli, jiffaċilitaw l-obbligi ta' rapportar u dokumentazzjoni tal-bdiewa u jissimplifikaw ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-kwalità.

27. JENFASIZZA li s-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandha tkun aktar effiċjenti, trasparenti u simplifikata fir-rigward tas-sett ta' indikaturi, id-dettalji meħtieġa tas-sistema ta' kontroll u sanzjonijiet, u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, u jeħtieġ li ma żżidx il-pressjoni tal-kontrolli fuq il-post. JEMMEN li s-sistema tal-ammonti unitarji għandha tiġi rieżaminata, b'mod partikolari għal miżuri mhux SIAK.

Aktar inċentivi lill-bdiewa lejn tranżizzjoni ekoloġika għal settur agrikolu aktar sostenibbli

28. JENFASIZZA r-rwol kruċjali u attiv li l-agrikoltura u l-bdiewa għandhom fit-tranżizzjoni ekoloġika u JISSOTTOLINJA li, fil-qasam tal-agrikoltura, il-PAK ikkontribwiet l-aktar għall-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE.
29. JIDDIKJARA li t-tranżizzjoni ekoloġika tista' tinkiseb biss fi sħubija mal-bdiewa, għalhekk JENFASIZZA li dawn għandhom jiġu inċentivati b'mod adegwat u mħeġġa jieħdu interess fl-applikazzjoni ta' prattiki ta' produzzjoni agrikola ekoloġikament responsabbli billi jiġu remunerati aktar mill-ispejjeż li jġarrbu u l-introjtu mitluf għas-servizzi tal-ekosistema tagħhom.
30. JAGĦRAF li l-funzjonament u l-preservazzjoni xierqa tal-ekosistemi huma kruċjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, għalhekk huwa inevitabbli li l-PAK tkompli tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni tas-settur tal-biedja lejn prattiki aktar sostenibbli li jgħinu biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE għall-klima, il-bijodiversità, l-ambjent, il-biedja organika, il-benesseri tal-annimali u oġġettivi oħra relatati mas-sostenibbiltà, u JFAKKAR fil-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ tajjeb bejn is-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u dik ambjentali, biex il-kontribut għas-servizzi tal-ekosistema jsir attraenti.
31. IFAKKAR fil-fatt li l-emissjonijiet agrikoli jirriżultaw ukoll minn proċessi naturali, għalhekk is-settur agrikolu għandu limiti naturali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. JISĦAQ li s-soluzzjonijiet mirfuda mir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura.

32. IFAKKAR li l-konformità ma' ċerti standards ta' kundizzjonalità tippreżenta sfida għal xi bdiewa, għalhekk JENFASIZZA l-ħtieġa li r-regoli jiġu aġġustati biex ikunu aktar fattibbli u biex il-bdiewa jkunu jistgħu jikkonformaw magħhom aktar faċilment.
33. IFAKKAR li l-ekoskemi ġew introdotti biex jiżdied il-kontribut tas-settur għall-għanijiet klimatiċi, ambjentali u tal-benesseri tal-annimali; u JAPPELLA għat-tisħiħ tar-rwol ta' dawn il-miżuri bħala l-għodda ewlenija tat-tranżizzjoni ekoloġika tal-ewwel pilastru. JISĦAQ li, sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom, għandhom jiġu esplorati xi possibbiltajiet bil-ħsieb li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni Prattika, filwaqt li l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex jindirizzaw l-ispeċifitajiet tagħhom.
34. JIRRIKONOXXI li l-miżuri agroambjentali u klimatiċi volontarji tat-tieni pilastru b'approċċ ibbażat fuq l-inċentivi jikkostitwixxu strument ewlieni fis-salvagwardja tal-ambjent u l-promozzjoni ta' prattiki agrikoli sostenibbli, u għalhekk għandhom jiġu żviluppati aktar.
35. JEMMEN li l-bdiewa jeħtieġ li jiġu inċentivati u appoġġati biex japplikaw teknoloġiji innovattivi u intelliġenti kif ukoll prattiki agroekoloġiċi u tal-kultivazzjoni karbonika, li jistgħu jikkontribwixxu aktar biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi u ambjentali u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni ekoloġika.

Ġestjoni tar-riskji u l-indirizzar tal-kriżijiet għal agrikoltura tal-UE reżistenti għall-kriżijiet

36. IFAKKAR li l-għadd dejjem jikber ta' kriżijiet naturali u relatati mas-suq bħal avvenimenti straordinarji tat-temp, mard tal-annimali u pesti tal-pjanti aktar frekwenti u intensi, spejjeż għoljin tal-input, u disturbi li jirriżultaw minn skossi esterni fis-suq ikkawżaw telf u ħsara severi, u ddeterjoraw b'mod sinifikanti l-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur.
37. JENFASIZZA l-ħtieġa li titqajjem kuxjenza, jittejjeb l-adattament għat-tibdil fil-klima, u li jkomplu jiġu promossi l-miżuri ta' prevenzjoni tar-riskju u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima fost il-bdiewa, kif ukoll li jiġu adottati għodod u strateġiji xierqa għall-ġestjoni tar-riskju, filwaqt li ma jiġux intellfa soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq. JINDIKA li l-mezzi ta' ġestjoni tar-riskju għandhom jiġu żviluppati aktar biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur u biex tiġi inkluża firxa wiesgħa ta' miżuri flessibbli għall-assigurazzjoni u l-fondi mutwi, li huma attraenti għall-benefiċjarji.

38. JIRRIKONOXXI li l-ilma huwa riżorsa ewlenija għall-produzzjoni agrikola u JENFASIZZA l-importanza li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-korpi tal-ilma, id-disponibbiltà tal-ilma u l-ġestjoni tiegħu fl-UE. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tqis l-ispeċifikitajiet agrikoli fl-inizjattivi relatati mal-ilma li għaddejjin bħalissa u f'dawk futuri.
39. JENFASIZZA l-ħtieġa li jittejjeb il-qafas ta' politika eżistenti għall-kriżijiet b'regoli aktar flessibbli li jagħtu s-setgħa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea għal rispons reattiv, rapidu, effiċjenti, trasparenti u nondiskriminatorju għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, biex jittaffew l-effetti negattivi fuq is-settur tal-biedja.
40. JITLOB li l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà fl-użu tal-istrumenti tal-PAK biex jirreaġixxu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi reġjonali jew nazzjonali.
41. IQIS li r-Regolament dwar l-OKS jipprovdi sett ta' għodod legali xieraq biex jappoġġa lill-bdiewa milquta minn diversi tipi ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, iżda JENFASIZZA l-ħtieġa ta' proċeduri aktar rapidi u aktar sempliċi biex jingħata appoġġ eċċezzjonali lill-bdiewa.

Agrikoltura bbażata fuq l-għarfien u mmotivata mir-riċerka u l-innovazzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika

42. JENFASIZZA li r-riċerka u l-innovazzjoni huma fattur ewlieni fil-produzzjoni u l-ipproċessar agroalimentari sostenibbli u kompetittivi, u għandhom rwol ċentrali fil-produzzjoni ta' ikel sostenibbli, sikur, tajjeb għas-saħħa, nutrittiv u affordabbli.
43. JIRRIKONOXXI r-rwol importanti u l-effettività tas-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS) fl-avvanz tal-agrikoltura bbażata fuq l-għarfien, u l-progress sinifikanti tan-Network tal-PAK tal-UE fit-tisħiħ tas-sistema ta' għarfien għall-ambjent u l-klima.
44. JISSOTTOLINJA r-rwol tal-ekonomija ċirkolari u l-bijoeconomija fl-għajnuna li jagħtu biex b'mod effiċjenti jintużaw ir-riżorsi bijoloġiċi, il-metodi innovattivi u l-prattiki bbażati fuq in-natura biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika tas-setturi tal-biedja u l-forestrija, u JIRRIKONOXXI l-importanza tal-PAK f'dan ir-rigward. JISĦAQ li l-PAK il-ġdida għandha tippromwovi, tiddiversifika u tintegra aktar ir-rwol tal-bijomassa bħala s-sors primarju tal-karbonju rinnovabbli.

45. JAGĦRAF id-diffikultajiet finanzjarji biex isir investiment fl-innovazzjoni u JINNOTA li n-nuqqas ta' aċċess għall-għarfien itellef l-adozzjoni ta' diversi teknoloġiji sostenibbli. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' riċerka applikata, soluzzjonijiet tekniċi u innovazzjonijiet li jirrispondu għad-diversità tas-settur, sabiex jinħoloq impatt u biex il-bdiewa, il-forestiera u partijiet ikkonċernati rurali oħra jiġu involuti aħjar fil-proċess ta' innovazzjoni.

46. JISTIEDEN lill-Kummissjoni l-ġdida tqis dawn il-konklużjonijiet meta tħejji l-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel fl-ewwel 100 jum tal-mandat tagħha.

47. JAPPELLA lill-Kummissjoni l-ġdida tieġu kont ta' dawn il-konklużjonijiet meta tħejji l-proposti leġiżlattivi dwar il-Politika Agrikola Komuni ta' wara l-2027, u JISĦAQ fuq il-ħtieġa għall-adozzjoni f'waqtha tagħhom, biex jingħata biżżejjed żmien għall-proċedura ta' kodeċiżjoni. IFAKKARHA li l-koleġiżlaturi jerfgħu r-responsabbiltà politika għall-għażliet ta' politika inklużi fil-miżuri leġiżlattivi tal-PAK.
